Nru. 17,752
Prezz Lm1.76ċ
Price Lm1.76c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' April, 2005
Friday, 8th April, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2005 NRU. V ANNO DOMINI 2005 NO. V

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-8 ta' April, 2005, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qieghed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 8 ta' April, 2005.

B'Awtorità.

(Iff.) LAWRENCE GONZI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 8th day of April, 2005, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 8th day of April, 2005.

By Authority.

(Sd.) LAWRENCE GONZI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 347

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' April, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-8 ta' April, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 347

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Friday, 8th April, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

8th April, 2005

Nru. 348

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 (2) (b) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, ħatar lil Ms Simone Vella, B.Sc., bħala membru indipendenti ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mit-18 ta' Marzu 2005 minflok is-Sur Ronald Azzopardi li rriżenja.

It-8 ta' April, 2005

No. 348

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

IN virtue of the powers conferred by article 3 (2) (b) of the Development Planning Act 1992, the Prime Minister and Minister of Finance has appointed Ms Simone Vella, B.Sc., as independent member of the Malta Environment and Planning Authority for a period of three years with effect from the 18th March 2005 in lieu of Mr Ronald Azzopardi who has resigned.

8th April, 2005

Nru. 349

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Emanuel Attard	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	06.4.2005

It-8 ta' April, 2005

No. 349

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

8th April, 2005

Nru. 350

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	07-09.4.2005 & 11-14.4.2005

It-8 ta' April, 2005

No. 350

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

8th April, 2005

Nru. 351

KUMMISSJONI GĦALL-KUMMERĊ ĠUST

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379), id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, skond artikolu 4 (5), approva l-ħatra bħala Segretarju tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust b'seħħ mit-28 ta' Marzu, 2005 ta':

Ms Marisa Borg

It-8 ta' April, 2005
(MJHA/104/2005)

No. 351

COMMISSION FOR FAIR TRADING

IT is hereby notified that in accordance with the Competition Act (Cap. 379), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has in terms of article 4 (5) approved the appointment as Secretary to the Commission for Fair Trading, with effect from 28th March 2005, of:

Ms Marisa Borg.

8th April, 2005

Nru. 352

QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Il-Post tas-Seduta

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa mogħtija b'artikolu 412 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, ħatar id-dar fin-numru 20, Triq San Ġakbu, in-Nadur, Għawdex, bħala post fejn l-istess qorti tista' tagħmel is-seduta tagħha ta' l-14 ta' April, 2005.

It-8 ta' April, 2005

No. 352

COURT OF MAGISTRATES (GOZO) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

Place of Sitting

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 412 (3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister responsible for Justice has appointed the house at number 20, Triq San Ġakbu, Nadur, Gozo as a place where the said court may hold its sitting of the 14th April, 2005.

8th April, 2005

Nru. 353

QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Il-Post tas-Seduta

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa mogħtija b'Artikolu 412 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), il-Ministru responsabbli għal-Ġustizzja, ħatar id-dar fin-numru 3, Triq in-Nadur, il-Qala, Għawdex, bħala post fejn l-istess qorti tista' tagħmel is-seduta tagħha tal-21 ta' April, 2005.

It-8 ta' April, 2005

No. 353

COURT OF MAGISTRATES (GOZO) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

Place of Sitting

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 412 (3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister responsible for Justice has appointed the house at number 3, Triq in-Nadur, Qala, Gozo as a place where the said court may hold its sitting of the 21st April, 2005.

8th April, 2005

Nru. 354

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ biex jaraw il-kompetenza ta' persuni ingaġġati fis-settur ta' l-Assikurazzjoni.

Chairperson
Is-Sur Joseph Felice Pace

Membri
Is-Sur Alfred Gatt
Ms Catherine Calleja

Rappreżentant ta' l-ETC
Is-Sur Sandro Sciberras

It-8 ta' April, 2005

No. 354

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act 1990 to assess the competences of persons engaged in the Insurance sector.

Chairperson
Mr Joseph Felice Pace

Members
Mr Alfred Gatt
Ms Catherine Calleja

ETC Representative
Mr Sandro Sciberras

8th April, 2005

Nru. 355

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar ta' l-Ambjent

B'KONFORMITÀ mad-dispożizzjoni 3(8) fil-Parti II ta' l-Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001 rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, id-Direttur ta' l-Ippjanar, bi ftehim mad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, jaqbel li jeżenta lill-applikant milli jħejji Dikjarazzjoni dwar l-Impatt ta' l-Ambjent, għax din id-Dikjarazzjoni ma żżidx tgħarif ġdid u li l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar għandha tgħarraf neċessarju biex tieħu deċiżjoni fuq din l-applikazzjoni.

No. 355

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption from Preparing an Environmental Planning Statement

IN conformity with Part II provision 3 (8) of Legal Notice No. 204 of 2001 with respect to the application mentioned hereunder, the Director of Planning, in agreement with the Director of Environment Protection, agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement, since the Environmental Planning Statement would not add any new information and the Malta Environment and Planning Authority has all the necessary information to determine the application.

PA 4647/02 Biex jitwettqu żidiet għall-boiler house eżistenti f'Ta' Żjażra, l-Għasri
To carry out additions to existing broiler house at Ta' Żjażra, Għasri

It-8 ta' April, 2005 8th April, 2005

Nru. 356

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 356

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
01. 04. 05	Lm4.63c0	8c8
04. 04. 05	Lm4.63c0	8c6
05. 04. 05	Lm4.62c5	8c6
06. 04. 05	Lm4.61c4	8c7
07. 04. 05	Lm4.60c5	8c7

It-8 ta' April, 2005 8th April, 2005

Nru. 357

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 564, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Lulju, 2000, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 357

RENUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 564, published in Government Gazette dated 11th July, 2000, under the title of 'Renumbering of Doors at San Ġwann', the following amendments should be made:

TRIQ IR-RUSSETT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Wied Għollieqa

Left side entering from Triq Wied Għollieqa

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Wied Għollieqa

Right side entering from Triq Wied Għollieqa

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Villa Fragin	24
Garage	26

Għandhom jinqraw
Should read

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Wied Għollieqa

Left side entering from Triq Wied Għollieqa

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Wied Għollieqa

Right side entering from Triq Wied Għollieqa

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Villa Fragin	24
Door w/o no.	24A
Garage	26

TRIQ MASSABIELLE

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq in-Naxxar

Left side entering from Triq in-Naxxar

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq in-Naxxar

Right side entering from Triq in-Naxxar

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	17

Għandu jinqara
Should read

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq in-Naxxar

Left side entering from Triq in-Naxxar

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq in-Naxxar

Right side entering from Triq in-Naxxar

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Shop (Hairdressing)	17

It-8 ta' April, 2005

8th April, 2005

Nru. 358

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 289, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' April, 2000, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 358

RENUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 289, published in Government Gazette dated 11th April, 2000, under the title of 'Renumbering of Doors at San Ġwann', the following amendments should be made:

TRIQ IS-SORIJIET FRANĠISKANI

Għandha tinkludi
Should include

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq John F. Marks

Left side entering from Triq John F. Marks

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq John F. Marks

Right side entering from Triq John F. Marks

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
22, G&M House	22
Door without number	24
Door without number	26
Garages' Entrance	28

It-8 ta' April, 2005

8th April, 2005

Nru. 359

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL KIRKOP

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 78, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Jannar, 1998, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'Hal Kirkop', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 359

RENUMBERING OF DOORS AT KIRKOP

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 78, published in Government Gazette dated 26th January, 1999, under the title of 'Renumbering of Doors at Kirkop', the following amendments should be made:

TRIQ IL-GĦASEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq San Luċinju

Left side entering from Triq San Luċinju

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq San Luċinju

Right side entering from Triq San Luċinju

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
Casa Zammit	4
Empty Site	6-8
Salernitana	10

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Casa Zammit	4
		Garage	6
		Garages' Entrance	6A
		Door without number	8
		Salernitana	10

It-8 ta' April, 2005

8th April, 2005

Nru. 360

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL LIJA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 652, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Settembru, 1997, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'Hal Lija', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 360

RENUMBERING OF DOORS AT LIJA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 652, published in Government Gazette dated 2nd September, 1997, under the title of 'Renumbering of Doors at Lija', the following amendments should be made:

TRIQ SANTA MANSWETA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Luċinju

Left side entering from Triq San Luċinju

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Side Door	2
		Carol Cables (Side Door)	4

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Luċinju

Right side entering from Triq San Luċinju

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/ Number*	Numru Ġdid *New Number*
		Side Door	2
		House under construction	4
		Garage	6
		Garage	8
		House under construction	10
		House without number	12
		Garage	14

It-8 ta' April, 2005

8th April, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 25

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Att Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħin indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħin indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' April 2005 mis-7.00 a.m. 'il quddiem minn Triq it-Torri min ħdejn Zara (Magic Kiosk) sa l-istabbiliment ta' Joinwell.

Il-pubbliku ġenerali huwa mitlub li jsegwi d-direzzjonijiet mogħtija u l-iskema ġdida tat-traffiku li tkun qed issehħ matul id-data u l-ħin imsemmija.

It-trasport pubbliku se jintlaqat u vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-8 ta' April, 2005

POLICE NOTICE

No. 25

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and time hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and time indicated.

Sliema

On Sunday, 10th April 2005 from 7.00 a.m. onwards through Triq it-Torri from near Zara (Magic Kiosk) up to Joinwell building.

The general public is requested to follow directions given and new traffic scheme in operation during the said date and time.

Public transport will be affected and vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

8th April, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 26

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħin indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' April 2005 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: G.M. Farrugia, il-Ġistakor, il-Milwa, il-Ġirakol, San Filippu, il-Gudja, Dawret Ħal Għaxaq (mis-Service Road), Santa Tereża, Santa Marija u Vjal il-Labour.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' April, 2005

POLICE NOTICE

No. 26

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and time indicated.

Għaxaq

On Sunday, 24th April 2005 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: G.M. Farrugia, il-Ġistakor, il-Milwa, il-Ġirakol, San Filippu, il-Gudja, Dawret Ħal Għaxaq (from Service Road), Santa Tereża, Santa Marija and Vjal il-Labour.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

8th April, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 27

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar is-Sibt, id-9 ta' April 2005 bejn it-7.45 a.m. u t-8.15 a.m., bejn 11.45 a.m. u l-12.15 p.m., bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' April 2005 bejn is-7.30 a.m. u l-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, San Ġużepp u Pjazza L'Isle Adam.

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' April 2005 bejn l-4.30 p.m. u s-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Doni l-Qadima u San Ġużepp.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' April 2005 bejn it-7.45 a.m. u t-8.15 a.m., bejn 11.45 a.m. u l-12.15 p.m., bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' April 2005 bejn it-7.45 a.m. u t-8.15 a.m., bejn 11.45 a.m. u l-12.15 p.m., bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' April 2005 bejn is-6.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira u San Pawl.

Nhar il-Ġimgħa, it-15 ta' April 2005 bejn it-7.45 a.m. u t-8.15 a.m., bejn 11.45 a.m. u l-12.15 p.m., bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' April 2005 bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Bir l-Iljun, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, San Ġużepp u Pjazza L'Isle Adam.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' April 2005 bejn is-7.30 a.m. u l-12.15 p.m., bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

POLICE NOTICE

No. 27

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Saturday, 9th April 2005 between 7.45 a.m. and 8.15 a.m., between 11.45 a.m. and 12.15 p.m., between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Sunday, 10th April 2005 between 7.30 a.m. and 10.30 a.m. through the following streets: Santu Wistin, San Ġużepp and Pjazza L'Isle Adam.

On Tuesday, 12th April 2005 between 4.30 p.m. and 6.30 p.m. through the following streets: San Pawl, Doni l-Qadima and San Ġużepp.

On Wednesday, 13th April 2005 between 7.45 a.m. and 8.15 a.m., between 11.45 a.m. and 12.15 p.m., between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Thursday, 14th April 2005 between 7.45 a.m. and 8.15 a.m., between 11.45 a.m. and 12.15 p.m., between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Thursday, 14th April 2005 between 6.30 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira and San Pawl.

On Friday, 15th April 2005 between 7.45 a.m. and 8.15 a.m., between 11.45 a.m. and 12.15 p.m., between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Friday, 15th April 2005 between 6.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: San Pawl, Bir l-Iljun, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, San Ġużepp and Pjazza L'Isle Adam.

On Saturday, 16th April 2005 between 7.30 a.m. and 12.15 p.m., between 6.30 p.m. and 10.30 p.m. through the Mtarfa Bypass.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' April 2005 bejn il-5.00 p.m. u l-11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Doni, San Pawl, ir-Repubblika, il-Kbira u Pjazza L'Isle Adam.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' April 2005 bejn is-7.30 a.m. u l-12.15 p.m., bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' April 2005 bejn is-7.30 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, San Ġużepp, San Pawl, Vjal Santu Wistin u Pjazza L'Isle Adam.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' April 2005 bejn il-11.00 a.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Patrijiet, Bir l-Iljun, San Martin, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, San Ġużepp, il-Kbira, Saqqajja (minn Bank of Valletta sa Café de Rio), u Pjazza L'Isle Adam.

L-Imdina

Nhar is-Sibt, id-9 ta' April 2005 bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' April 2005 bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' April 2005, bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' April 2005, bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

Nhar is-Sibt, is-16 ta' April 2005, bejn is-7.30 a.m. u t-8.30 a.m. u bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m. minn Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

Nhar is-Sibt, is-16 ta' April 2005, bejn is-2.00 p.m. u n-nofsiegħa minn Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' April 2005, bejn is-7.30 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Villegaignon, Pjazza San Pawl u Pjazza San Publiju.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' April 2005, bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. minn Tirq l-Għerriqin (Il-Foss).

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' April, 2005

On Saturday, 16th April 2005 between 5.00 p.m. and 11.45 p.m. through the following streets: San Ġużepp, Doni, San Pawl, ir-Repubblika, il-Kbira and Pjazza L'Isle Adam.

On Sunday, 17th April 2005 between 7.30 a.m. and 12.15 p.m., between 6.30 p.m. and 10.30 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Sunday, 17th April 2005 between 7.30 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: Santu Wistin, San Ġużepp, San Pawl, Vjal Santu Wistin and Pjazza L'Isle Adam.

On Sunday, 17th April 2005 between 11.00 a.m. and 11.00 p.m. through the following streets: San Pawl, il-Patrijiet, Bir l-Iljun, San Martin, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, San Ġużepp, il-Kbira, Saqqajja (from Bank of Valletta to Café de Rio) and Pjazza L'Isle Adam.

Mdina

On Saturday, 9th April 2005, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

On Wednesday, 13th April 2005, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

On Thursday, 14th April 2005, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

On Friday, 15th April 2005, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

On Saturday, 16th April 2005, between 7.30 a.m. and 8.30 a.m. and between 6.00 p.m. and 11.30 p.m. through Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

On Saturday, 16th April 2005, between 2.00 p.m. and 00.30 a.m. through Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

On Sunday, 17th April 2005, between 7.30 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: Villegaignon, Pjazza San Pawl and Pjazza San Publiju.

On Sunday, 17th April 2005, between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through Triq l-Għerriqin (Il-Foss).

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

8th April, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 12 ta' l-2005

Festival ta' Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 10 ta' l-2005 mill-Awtorità Marittima ta' Malta rigward is-suġġett imsemmi hawn fuq, il-baħħara għandhom jiftakru li l-braken imqiegħda 'l hinn mill-ponta ta' Bighi se jitneħħew nhar it-Tnejn, it-2 ta' Mejju u mhux kif dikjarat fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 10 ta' l-2005.

It-8 ta' April, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 12 of 2005

Fireworks Festival in Grand Harbour

With reference to Malta Maritime Authority Notice to Mariners No. 10 of 2005 regarding the above-mentioned subject, mariners are to note that the barges placed off Bighi point will be removed on Monday 2nd May and not as stated in the Notice to Mariners No. 10 of 2005.

8th April, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 13 ta' l-2005

Tellieqa Triathlon bejn Għawdex – Malta

Il-*Malta Triathlon Association* se torganizza Tellieqa Triathlon bejn Għawdex u Malta nhar is-Sibt, it-30 ta' April, 2005.

Parti mit-tellieqa tikkonsisti f'għawma bejn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex u ċ-Ċirkewwa, Malta. L-għawwiema se jgħaddu minn rotta li tgħaddi mill-*Blue Lagoon*.

Jekk it-temp jippermetti, it-tellieqa bil-għawm se tibda fit- 8.00 a.m. u tintemm għal xi l-11.30 a.m. Kull għawwiem ikollu miegħu dgħajsa għall-għajnuna.

Il-baħħara huma mitluba jżommu 'l bogħod mill-inħawi matul il-ħinijiet imsemmija, speċjalment mill-għawwiema.

Chat affettwata: BA 211, 2537

It-8 ta' April, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 13 of 2005

Gozo – Malta Triathlon Race

The Malta Triathlon Association will be organizing the Gozo – Malta Triathlon Race on Saturday, 30th April, 2005.

Part of the race consists of a swim between Ħondoq ir-Rummien, Gozo to Ċirkewwa, Malta. The swimmers will follow a route through the Blue Lagoon.

Weather permitting the swim race will start from approximately 8.00 a.m. and end at about 11.30 a.m. A support boat will accompany each swimmer.

Mariners are advised to keep clear of the area during the stipulated time and give the swimmers a wide berth.

Chart effected: BA 211, 2537

8th April, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 14 ta' l-2005

Tqegħid tas-Semi-Submersible Rig Zagreb - I

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 13 ta' l-2004 mill-Awtorità Marittima ta' Malta rigward is-suġġett imsemmi hawn fuq, ngħarrfu lill-baħħara li s-*semi-submersible rig* Zagreb - I ġie rmunkat mill-pożizzjoni:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 47'.50	014° 30'.50

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 14 of 2005

Lay Up of Semi-Submersible Rig Zagreb - I

With reference to Notice to Mariners No. 13 of 2004 of the Malta Maritime Authority regarding the above captioned subject, mariners are informed that the semi-submersible rig Zagreb - I has been towed away from position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 47'.50	014° 30'.50

Minħabba f'hekk l-Avviż lill-Baħħara Nru.13 mill-Awtorità Marittima ta' Malta mgħadux aktar fis-seħħ.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 DATUM.

C*harts* effettwati BA 194, 2538.

It-8 ta' April, 2005

Hence Notice to Mariners No. 13 of 2004 of the Malta Maritime Authority is no longer in force.

Position referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected BA 194, 2538.

8th April, 2005

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għal-Liċenzi ta' *Wireman*

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Lokali Pubbliċi jgħarrfu illi għandu jsir eżami f'Lulju 2005 sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għall-ħruġ ta' Liċenza 'A' u 'B', kif stipulat fl-Att ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423).

2. L-eżami jsir f'żewġ taqsimiet kif ġej:

Taqsima I tirreferi għal Liċenza A u Taqsima II tirreferi għal Liċenza B.

Taqsima I – Liċenza A – *General House Installation*

Karta I *Electrical Theory*

(Ħin: 3 sigħat)

Marki: 100 (Mass.), 50 (Min.)

Karta II *Electrical Installation Technology*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Mass.), 50 (Min.)

Taqsima II – Liċenza B – *Factory Wiring*

Karta I *Electrical Theory*

(Ħin: 3 sigħat)

Marki: 100 (Mass.), 50 (Min.)

Karta II *Electrical Installation Technology*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Mass.), 50 (Min.)

Il-kandidati li se jersqu għal Liċenza A jew Liċenza B iridu jiksbu *pass mark* fiż-żewġ karti. Huma jkunu mitluba wkoll joqogħdu għall-Eżami Prattiku/Intervista. Biex jgħaddu mill-eżami l-kandidati jridu jiksbu wkoll *pass* fl-Eżami Prattiku/Intervista.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Wireman's Licences Examinations

The Acting Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that an examination will be held in July 2005 to enable successful candidates to apply to the Malta Resources Authority for the issue of Licences 'A' and 'B' as stipulated in the Malta Resources Authority Act (Cap. 423).

2. The examination will be held in two sections as follows:

Section I refers to Licence 'A' and Section II refers to Licence 'B'.

Section I – Licence A – General House Installation

Paper I Electrical Theory

(Time allowed: 3 hours)

Marks 100 (Max), 50 (Min)

Paper II Electrical Installation Technology
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Section II – Licence B – Factory Wiring

Paper I Electrical Theory

(Time allowed: 3 hours)

Marks 100 (Max), 50 (Min)

Paper II Electrical Installation Technology
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Candidates sitting either for Licence A or for Licence B must obtain a pass mark in both papers. They will also be required to sit for the Practical/Interviewing Test. Candidates must obtain a Pass in the Practical/Interviewing Test in order to be successful.

3. Il-kandidati ma jitħallewx jersqu għal Taqsima II jekk ma jkollhomx Liċenza A.

4. L-applikanti li kkwalifikaw fil-karti bil-miktub iżda weħlu fl-Eżami Prattiku/Intervista m'għandomx għalfejn joqogħdu għall-karti bil-miktub sakemm l-eżami Prattiku/Intervista jsir fi żmien li ma jaqbiżx is-sentejn mill-eżami bil-miktub.

5. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

6. Dawn l-applikazzjonijiet ikunu milqugħa fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u ċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, minn nhar it-Tnejn, il-25 ta' April, 2005, sa nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' April, 2005, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

7. Ma' l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu:–

(a) il-Karta Uffiċjali ta' l-Identità tal-kandidat (Għandha tinthemeż fotokopja);

(b) ċertifikati u dokumenti ta' esperjenza teknika fil-*Wiring* ta' l-elettriku li jista' jkollu l-applikant;

(ċ) il-ħlas tar-reġistrazzjoni ta' Lm4 preferibbilment b'ċ ekk indirizzat lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet.

8. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

9. Wieħed jista' jara kopja tas-sillabu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju. **L-applikanti għandhom jinnotaw li l-kalkoli kollha jingħataw f'S.I.** ***Units.***

10. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jiġu ggwidati l-kandidati.

11. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar karta waħda biss jew stadju partikulari ta' l-eżami.

It-8 ta' April, 2005

3. Candidates will not be allowed to sit for Section II unless they are in possession of Licence A.

4. Applicants who have qualified in the written papers but failed in the Practical/Interviewing Test do not need to resit for the written papers as long as the Practical/Interviewing test is taken within a period not exceeding 2 years from the Written Test.

5. Application forms (the only ones admissible) may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo or from the Department of Examinations website on www.exams.gov.mt, from the date of publication of this notice.

6. Applications will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo as from Monday, 25th April, 2005 to Friday, 29th April, 2005, from 8.00 a.m. to noon and 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

7. Applications should be accompanied by:-

(a) a candidate's Identity Card (Photocopy to be attached);

(b) certificates and testimonials of technical experience in electrical wiring which are in possession of the applicant;

(c) a fee of Lm4 preferably by cheque payable to the Department of Examinations.

8. Late applications will not be considered.

9. A copy of the syllabus of the examination may be seen at the Department of Examinations, Floriana and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours. **Applicants should note that all calculations will be given in S.I. Units.**

10. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

11. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one paper or a particular stage of the examination.

8th April, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Skola Primarja 'A' Ġużeppi Agius, Triq Ġużè D'Amato, Raħal Ġdid.

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.86 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames siegħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following School:

Ġużeppi Agius Primary School 'A', Triq Ġużè D'Amato, Paola.

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.86 for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jkunu jafu jħaddmu l-kompjuter kif meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċ ertifikat tat-twelid ta' missierhom. (Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti);

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess biex jiġi verifikat fil-hin ta' l-intervista.

9. L-applikanti eliġibbli li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s

jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' April, 2005.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-8 ta' April, 2005

will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 22nd April, 2005.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

Emmanuel Sultana ta' Cassar Buildings, Flat 2, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun, ippreżenta Talba fis-6 ta' Jannar 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Johan Giovanni Attard ta' 17, Triq il-Papa Urban VIII, Birkirkara, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm575.76) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Talba Numru 17/04PBC) hija differita għall-5 ta' Mejju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 14th May, 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Emmanuel Sulatna of Cassar Buildings, Flat 2, Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, filed a Claim on the 6th January 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Johan Giovanni Attard of 17, Triq il-Papa Urban VIII, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of five hundred and seventy five Maltese liri and seventy six cents (Lm575.76) which amount is due to the plaintiff company in connection with a traffic accident

With costs.

The cause (Claim Number 17/04PBC) is put off for the 5th May 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

695

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. C22334 ta' Spencer Hill, Blata l-Bajda ppreżentaw talba fl-14 ta' Jannar 2005, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Spartex Ltd (C7184) ta' Fiduciary House, Triq l-Imrieħel, Birkirkara BKR 10 u Paul Farrugia (ID 189470 M) ta' 130, Bonavia Flats, Flat 6, Triq il-21 ta' Settembru, Naxxar, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef, mija u tmien liri Maltin u ċenteżmu (Lm3,108.01) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 21/05DM) hija differita għad-29 ta' April 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 6 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 8th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. C22334 of Spencer Hill, Blata l-Bajda, filed a Claim on the 14th January 2005, whereby they asked the Court to condemn Spartex Ltd (C7184) of Fiduciary House, Triq l-Imrieħel, Birkirkara BKR 10 and Paul Farrugia (ID 189470M) of 130, Bonavia Flats, Flat 6, Triq il-21 ta' Settembru, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of three thousand one hundred and eight Maltese liri and one cent (Lm3,108.01) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Notice Number 21/05DM) is put off to the 29th April 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

696

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Marzu 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Numru 470/2004 NC, fl-ismijiet Kashmiri Palace Limited vs Busuttil Ian, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Kashmiri Palace Limited (C 2507) ippreżentaw Ċitazzjoni, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2004, lil Ian u Jacqueline konjugi Busuttil, fejn talbu l-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex dina l-Qorti għar-raġunijiet premessi;

Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew aġir abusiv, irrisponsabbli u illegali u ta' negliġenza anke grossolana jekk mhux ukoll frawdolenti fil-konfront tas-soċjetà attriċi

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 1st March 2005, in the records of the cause Writ of Summons Number 470/2004 NC, in the names Kashmiri Palace Limited vs Busuttil Ian, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Kashmiri Palace Limited (C 2507) filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 25th June 2004, against Ian and Jacqueline spouses Busuttil, whereby they asked the defendants to state why this Honourable Court should not for the reasons premised;

Declare that the defendants were guilty of abusive, irresponsible and illegal action and gross negligence if not also fraudulent towards the plaintiff company Kashmiri

Kashmiri Palace Limited meta kellhom il-ġestjoni ta' l-istess soċjetà attriċi u dan kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Tillikwida d-danni li sofriet il-Kumpanija attriċi minħabba l-aġir abbusiv, irrisponsabbli, illegali u ta' negliġenza anke grossolana jekk mhux ukoll frawdolenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq ingħad.

Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw illegalment u abbusivament il-ħanut tal-bejgħ tal-ħwejjeġ sitwat fil-fond numru 335, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema.

Tikkundanna lill-konvenuti jiżgumbraw, jirrilaxxjaw u jħallu liberu a favur tas-soċjetà attriċi l-fond in kwistjoni u dana fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tipprefeġġilhom dina l-Qorti.

Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi minħabba l-okkupazzjoni abbusiva u illegali tal-konvenuti.

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi dik is-somma rappreżentanti danni għall-okkupazzjoni abbusiv u illegali mill-konvenuti kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa nġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni.

Attur: Kashmiri Palace Limited,
c/o Carmen Taliana, 241/2, Tower Road, Sliema.

Konvenuti: Ian u Jacqueline konjugi Busuttil,
'Shalimar', Triq Nazju Falzon, l-Imsida.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 470/04 NC, fl-ismijiet Kashmiri Palace Limited vs Busuttil Ian tinsab differita għall-20 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Palace Limited when they were responsible for the running of the plaintiff company and this as shall better result during the pleadings.

To liquidate the damages suffered by the plaintiff Company due to abusive, irresponsible, illegal and gross negligence, if not also fraudulent, if necessary by the appointment of referees.

Condemn the defendants to pay the plaintiff company that sum that shall be liquidated by way of damages as above stated.

To declare that the defendants are occupying illegally and abusively the clothes shop situated in the premises at number 335, Manwel Dimech Street, Sliema.

Condemn the defendants to vacate and release in favour of the plaintiff company the premises in question and this within a short and peremptory period that this Court shall fix.

To liquidate the damages suffered by the plaintiff company due to the abusive and illegal behaviour of the defendants.

Condemn the defendants to pay the plaintiff company the sum representing damages for the abusive and illegal occupation by the defendants as above explained.

With costs, as stated in the writ of summons and legal interests against the defendants from now summoned to appear personally so that a reference to their oath be made.

Plaintiff: Kashmiri Palace Limited,
c/o Carmen Taliana, 241/2, Tower Road, Sliema.

Defendants: Ian and Jacqueline spouses Busuttil,
'Shalimar', Nazju Falzon Street, Msida.

The cause Writ of Summons Number 470/04 NC, in the names Kashmiri Palace Limited vs Busuttil Ian has been put off to the 20th April 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

697

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Marzu 2005, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 29/05 TM, fl-ismijiet Desiree Dimech et vs Luigi Genova et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Desiree (ID 285478M) u Dulcie (ID 98980M) aħwa Dimech u Carmel (ID 57751M) u Carmen (ID 779753M) konjugi Dimech ta' Tyver, Triq tal-Fawwara, Santa Venera, ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-14 ta' Jannar 2005, kontra Luigi u Nadine konjugi Genova ta' 158, Parades Street, San Pawl il-Baħar, fejn talab il-konvenuti jgħidu għaliex għar-raġunijiet premessi, m'għandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara illi l-istess konvenuti kkomettew spoll klandestin u vjolenti għad-dannu ta' l-atturi meta kabbru tieqa u fetħu tieqa kbira fil-fond 158, Parades Street, San Pawl il-Baħar, liema żewġ twieqi jagħtu għal fuq il-bitħa ta' l-atturi li tinsab fil-fond 159, Parades Street, San Pawl il-Baħar, u dan abbusivament u ad insaputa ta' l-atturi u mingħajr il-permess ta' l-istess atturi kif fuq ingħad.

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tipprefeġġilhom din il-Qorti jirrintegraw lill-atturi fil-pussess sħiħ tal-fond tagħhom 159, Parades Street, San Pawl il-Baħar u b'mod partikolari billi jċekknu t-tieqa li kabbru għad-daqs li kienet qabel u jagħlqu t-tieqa kbira li fetħu; liema żewġ twieqi jagħtu għal fuq il-bitħa tal-fond terran ta' l-atturi – dan kollu taħt id-direzzjoni ta' perit nominandi.

Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jieħdu dawk il-miżuri kollha neċessarji għar-reintegrazzjoni fil-pussess billi jiġu awtorizzati li jagħmlu x-xogħol kollu huma u dana taħt id-direzzjoni ta' l-istess Perit Arkitett a spejjeż ta' l-istess konvenuti.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-1 ta' Diċembru 2004, kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 29th March 2005, in the records of the cause Writ of Summons number 29/05 TM, in the names Desiree Dimech et vs Luigi Genova et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Desiree (ID 285478M) and Dulcie (ID 98980M) sisters Dimech and Carmel (ID 57751M) and Carmen (ID 779753M) spouses Dimech of Tyver, Fawwara Street, Santa Venera, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 14th January 2005, against Luigi and Nadine spouses Genova of 158, Parades Street, Saint Paul's Bay, whereby they asked the defendants why for the reasons premised this Court should not:

Declare that the same defendants committed a clandestine and violent spoliation to the detriment of the plaintiffs when they enlarged a window and opened a large window on the premises 158, Parades Street, St. Paul's Bay, which two windows overlook the yard of the plaintiffs situated in the premises 159, Parades Street, Saint Paul's Bay, and this abusively and without the knowledge of the plaintiffs and without the permission of the same plaintiffs as above stated.

Condemn the defendants so that within a short and peremptory period which shall be fixed to them by this Court they reintegrate the plaintiffs in the full possession of their premises 159 ,Parades Street, St. Paul's Bay, and in particular by reducing the window they enlarged to its former size and close the big window they opened; which two windows overlook the yard of the groundfloor tenement ñ all this under the direction of an architect.

Failing which to authorize the plaintiffs to take all the necessary measures to reintegrate themselves in possession by authorizing them to carry out the work themselves and this under the direction of the same Architect at the expense of the defendants.

With costs, including those of the interpellatory letter of the 1st December 2004, against the defendants who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Registry of the Superior Courts today 5th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

698

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Marzu 2005, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta ppreżentat ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, fl-10 ta' Jannar 2002 kontra Charles Casha ta' Carrie Flats/7, Triq ix-Xagħra, Marsalforn, Għawdex u li sussegwentement dan l-indirizz inbidel għal 60, Triq il-Wied ta' l-Imsida, l-Imsida, Malta, fejn interpellatu sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma ta' Lm795.76 in konnessjoni ma' kontijiet tad-dawl u ilma numri 987/680690 u 981/594100 in konnessjoni mal-fondi 'Taċ-Ċawla Supermarket', Triq Qbajjar, Marsalforn, u Blokk B, Flat 2, Triq Sannat, Rabat, Għawdex għall-perjodu 1 ta' Marzu 1994 sas-17 ta' Settembru 1997.

.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri Ċivili.

Illum 6 ta' April 2005.

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree dated the 18th March 2005, the Court of Magistrates (Gozo) in its Inferior Civil Jurisdiction, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

The Water Services Corporation in its own name as well as on behalf of Enemalta Corporation filed a judicial letter in the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction, on the 10th January 2002 against Charles Casha of Carrie Flats/7, Triq ix-Xagħra, Marsalforn, Gozo, which address was subsequently changed to 60, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida, Malta, wherein it called upon him to settle, within two days, the sum of Lm795.76 being water and electricity bills numbered 987/680690 and 981/594100, in connection with premises 'Taċ-Ċawla Supermarket', Triq Qbajjar, Marsalforn and Block B, Flat 2, Triq Sannat, Victoria, Gozo, for the period 1st March 1994 up to 17th September 1997.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Civil Jurisdiction.

This 6th April 2005.

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

699

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Marzu 2005, fl-atti tar-rikors Numru 26/05, Concetta Galea vs Anthony Galea ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-17 ta' Frar 2005, fl-ismijiet Concetta Galea v Anthony Galea, ir-rikorrenti Concetta Galea talbet li tkun ammessa għal benefiċċju gratuitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat għas-separazzjoni personali minħabba f'inkompatibilità ta' karattru u kif ukoll minħabba f'seviġi, theddid u inġurja gravi u adulterju da parti ta' l-intimat (2) għall-manteniment taghha u Sylvana ta' 12-il sena (3) għax-xoljiment u diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u (4) għad-dekadenza ta' l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevant tal-Kodiċi Ċivili (5) kura u kustodja tal-minuri.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 10th March 2005, in the records of the application Number 26/05, Concetta Galea vs Anthony Galea, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court on the 17th February 2005, in the names Concetta Galea v Anthony Galea, the applicant Concetta Galea, prayed that she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent for personal separation due to incompatibility of character, as well as excesses, threats, grievous insults and adultery on the part of the respondent (2) for her maintenance and that of Sylvana aged 12 (3) for the dissolution and division of the community of acquests and (4) for the forfeiture by the respondent of the conjugal rights as stipulated in the relevant articles of the Civil Code (5) for the care and custody of the minor.

Rikorrenti: 1, St. Anthony Flats, Riebu Well Street, Rabat.

Intimat: Mistral Flats 3, Triq il-Marlozz, Mellieħa.

Għarraf lil Anthony Galea illi Concetta Galea ppreżentat rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-għajnuna legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil dan taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali
Il-Qorti, Valletta.

Illum 12 ta' Frar 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjurii, illum 6 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 1, St. Anthony Flats, Riebu Well Street, Rabat.

Respondent: Mistral Flats 3, Marlozz Street, Mellieħa.

Inform Anthony Galea that Concetta Galea filed an application in the First Hall Civil Court in order to be given the benefit of legal aid and inform him so that within four days from when he receives this deed he informs the undersigned why the demand brought forward in the application should not be upheld as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid
The Courts, Valletta.

Today 12th February 2005.

Registry of the Superior Courts, today 6th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

700

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ġunju 2003 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Jesken Limited ta' Finestral Works, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, ippreżentaw talba fit-2 ta' Settembru 2002, fejn talbu lill-Qorti sabiex jikkundanna lil Ben De Jong Smith ta' Villa Romana, Tas-Silġ, limiti ta' Marsaxlokk, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tmien mija u għoxrin lira Maltija (Lm1,820) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 520/02DM) hija differita għad-29 ta' April 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 6 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 10th June 2003, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Jesken Ltd of Finestral Works, Mdina Road, Żebbuġ, filed a Claim on the 2nd September 2002, whereby they asked the Court to condemn Ben De Jong Smith of Villa Romana, Tas-Silġ, limits of Marsaxlokk, to pay the plaintiff company the sum of one thousand eight hundred and twenty Maltese liri (Lm1,820) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 520/02 DM) is put off to the 29th April 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

701

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Frar 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Masco Security Services Limited (C8088) ta' Masco, Valletta Road, Mosta, ippreżentaw talba fil-11 ta' Ġunju 2004, fejn talbu lill-Qorti sabiex jikkundanna lil Distinct Group Limited u b'digriet ta' l-10 ta' Novembru 2004 saret korrezzjoni fl-isem tas-soċjetà li nbidel għal D Ltd ta' 189, The Strand, Sliema, iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfjen mitejn u sitta u erbgħin lira Maltija u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm2,246.45) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 319/04GG) hija differita għat-13 ta' April 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 6 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 25th February 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Masco Security Services Limited (C8088) of Masco Valletta Road, Mosta, filed a Claim on the 11th June 2004, whereby they asked the Court to condemn Distinct Group Limited and by a decree of the 10th November 2004 the name of the company was changed to D Ltd of 189, The Strand, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of two thousand and two hundred and forty six Maltese liri and forty five cents (Lm2,246.24) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 319/04GG) is put off to the 13th April 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

702

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Frar 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Defranco Enterprises Ltd ta' The Storehouse, Triq Għar-Ramm, Ħal Qormi, ippreżentaw Talba fl-14 ta' Settembru 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Andrew Calleja ta' 91, White Clover, Triq il-Prinjoli, Santa Luċija, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u ħames ċenteżmi (Lm209.05) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kummerċjali.

Il-kawża (Talba Numru 1738/04AJD) hija differita għall-15 ta' April 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 25th February 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Defranco Enterprises Ltd of The Storehouse, Triq Għar-Ramm, Qormi, filed a Claim on the 14th September 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Andrew Calleja of 91, White Clover, Triq il-Prinjoli, Santa Luċija, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and nine Maltese liri and five cents (Lm209.05) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and commercial interests.

The cause (Claim Number 1738/04AJD) is put off for the 15th April 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

703

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' April 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Frar 2004, Anthony Cremona vs Adrian Pillow et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Adrian Pillow a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 2004, lil Adrian Pillow u Patricia Pillow in solidum kemm proprio kif ukoll bħala leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Derk Pillow, l-Avukat Dottor Anthony Cremona ta' c/o Unipol Insurance Agency Ltd, 57, Market Street, il-Furjana jagħmel riferenza għall-inċident stradali li seħħ fit-28 ta' Settembru 2003, fi Triq l-Għajn, is-Swieqi, li fih il-vettura tal-marka Fiat Punto bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ABH-496 di proprjetà tiegħek Adrian Pillow u li dak il-ħin kienet misjuqa mill-minuri Derk Pillow ħabtet fil-vettura tal-marka Renault Megane bin-numru ta' Reġistrazzjoni FOR-400 di proprjetà tal-mittenti u li dak il-ħin kienet parkeġġjata.

Huwa evidenti li l-imsemmi inċident seħħ esklussivament minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-minuri Derk Pillow minnkom rappreżentat.

In oltre, intom ukoll responsabbli proprio u in solidum mal-minuri Derk Pillow għad-danni derivanti mill-imsemmi inċident billi ppermettejtu lill-istess minuri li jsuq il-vettura ABH-496 mingħajr liċenza tas-sewqan u mingħajr kopertura assikurattiva valida ai termini tal-Liġi.

Għaldaqstant il-mittenti jinterpellakom in solidum fil-kwalitajiet tagħkom premessi sabiex, fi żmien jumejn min-notifika lilkom ta' din l-ittra uffiċjali, tersqu għall-likwidazzjoni u konsegwenti riżarċiment tad-danni sofferti minnu in konnessjoni ma' l-imsemmi inċident.

Fin-nuqqas se jiġu istitwiti kontrikom proċeduri ġudizzjarji bla preavviż ulterjuri.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat lilkom għall-finijiet u effetti kollha tal-Kapijiet 12 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifiki: 1. Adrian Pillow, Flat 15, Blokk E, Triq André Maurois, San Ġiljan.

2.....Omissis.....

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 5 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 13th April 2004, in the records of the judicial letter dated 4th February 2004, Anthony Cremona vs Adrian Pillow et ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Adrian Pillow, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall Civil Court on the 4th February 2004 against Adrian Pillow and Patricia Pillow in solidum both proprio as well as legitimate representatives of their minor son Derk Pillow, Advocate Dr Anthony Cremona c/o Unipol Insurance Agency Ltd, 57, Market Street, Floriana, refers to the street incident which occurred on the 28th September 2003, in il-Għajn Street, Swieqi, whereby the vehicle of the type Fiat Punto having Registration Number ABH-496 being your property Adrian Pillow and which at that time was driven by the minor Derk Pillow collided into the vehicle of the type Renault Megane having Registration number FOR-400 property of the interpellant and which at that time was parked.

It is evident that the said accident occurred exclusively due to negligence, carelessness and lack of observance of the traffic regulations on the part of the minor Derk Pillow represented by you.

Furthermore, you are also responsible proprio and in solidum with the minor Derk Pillow for the damages deriving from the said accident as you permitted the same minor to drive vehicle ABH -496 without a driving license and without a valid insurance policy in terms of Law.

Thus the interpellant calls upon you in solidum in the above capacities, so that within two days from the service of this judicial letter, you come forward to the liquidation and consequent refund of the damages suffered by him in connection with the said accident.

Failing which judicial proceedings will be instituted against you without further notice.

This judicial letter is being sent to you for all intents and purposes of Chapter 12 and 16 of the Laws of Malta.

Notify: 1. Adrian Pillow, Flat 15, Block E, André Maurois Street, St. Julian's.

2.....Omissis.....

Registry of the Superior Courts, today 5th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

704

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-10 ta' Mejju 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Master Distribution Limited (C-2837), ta' Oratory Street, Naxxar, ippreżentaw Talba, fit-2 ta' April 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Caroline Borg ta' Flat 4, Sea Breeze, J Quintinus Street, Qawra tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u ħames liri Maltin u ħmistax-il ċenteżmu (Lm805.15) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 733/04 PM) hija differita għat-18 ta' April 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 5 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 10th May 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Master Distribution Limited (C2837), of Oratory Street, Naxxar, filed a claim on the 2nd April 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Caroline Borg of Flat 4, Sea Breeze, J Quintinus Street, Qawra to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and five Maltese liri and fifteen cents (Lm805.15) for reasons indicated in the writ of summons.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 733/04PM) is put off to the 18th April 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

705

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Ġunju 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Marzu 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Charles Mercieca (ID 245169M) ta' Medina, Flat 4, Triq l-Ikħal, Marsascala, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u lira Maltija u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm301.96) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 654/04AJD) hija differita għall-15 ta' April 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 29 ta' Marzu 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 16th June 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 26th March 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Charles Mercieca (ID 245169M) of Medina, Flat 4, Triq l-Ikħal, Marsascala, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and one Maltese liri and ninetysix cents (Lm301.96) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 654/04AJD) is put off for the 15th April 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 29th March 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

706

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Frar, 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Lawrence Agius ta' Max Auto Dealer, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, ippreżenta Talba fit-22 ta' Marzu 2004 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil George Frendo ta' 143, Triq San Bartolomew, iż-Żurrieq, iħallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm668) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 606/04AJD) hija differita għall-15 ta' April 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 4 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 25th February 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Lawrence Agius of Max Auto Dealer, Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta, filed a Claim on the 22nd March 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn George Frendo ta' 143, Triq San Bartolomew, Żurrieq, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and sixty eight Maltese liri (Lm668) which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests.

The cause (Claim Number 606/04AJD) is put off for the 15th April 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

707

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Mario Sant (ID 789260M) sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Mario Sant ta' 39, Msida Road, Gżira GŻR 03 ippreżentaw Talba fl-14 ta' Jannar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Charlotte Triquet (Passaport Nru 503000 – Franza) ta' 102, Triq it-Tiben, Pembroke, tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mija u tmienja u tletin lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm1,138.91) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku li ġara fil-25 ta' Ġunju 2004 f'San Pawl il-Baħar.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 235/05JR) hija differita għad-19 ta' April 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 5 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 15th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of its assured Mario Sant (ID 789260M) both by policy and by law and the same Mario Sant of 39, Msida Road, Gżira GŻR 03, filed a Claim on the 14th January 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Charlotte Triquet (Passport Holder No 503000 – France) of 102, Triq it-Tiben, Pembroke to pay the plaintiff company the sum of one thousand one hundred and thirty eight Maltese liri and ninety one cents (Lm1,138.91) which amount is due to the plaintiff company in connection with an accident which happened on the 25th June 2004 in St Paul's Bay.

With costs and interests.

The case (Claim Number 235/05JR) is put off for the 19th April 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

708

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-1 ta' Frar 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Panta Marketing & Services Limited (C-1123) ta' Panta House, B'Kara Road, l-Imsida, ippreżentaw Talba, fis-7 ta' Diċembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Eugene Khorcilov ta' Blokk 12, Apartment 102, Portomaso, San Ġiljan, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u tnejn u tletin lira Maltija u tnax-il ċenteżmu (Lm632.12) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 2332/04 JR) hija differita għat-28 ta' April 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 5 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 1st February 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Panta Marketing & Services Limited (C-1123) of Panta House, B'Kara Road, Msida, filed a claim on the 7th December 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Eugene Khorcilov of Block 12, Apartment 102, Portomaso, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and thirty two Maltese liri and twelve cents (Lm632.12) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 2332/04JR) is put off to the 28th April 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

709

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Novembru 2004, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 500/04 GV, fl-ismijiet Catherine Abdilla vs Carmel Abdilla, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Catherine Abdilla 20, St. Nicholas Flats, Flat Nru. 3, Nazju Ellul Str, Gżira, ippreżentat Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju 2004, lil Carmel Abdilla, 50, Yanmark House, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi, fejn talbet il-konvenut għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

Tiddikjara illi d-dritt ta' abitazzjoni konferit lill-konvenut illum spiċċa u li għalhekk ukoll l-istess fond jista' jinbiegħ;

Tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond 50, YanMark House, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi.

Tordna li l-introjtu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 2nd November 2004 in the records of the cause Writ of Summons number 500/04 GV, in the names Catherine Abdilla vs Carmel Abdilla, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Catherine Abdilla, 20, St. Nicholas Flats, Flat No 3, Nazju Ellul Str, Gżira, filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 7th July 2004, against Carmel Abdilla, 50, YanMark House, Winter Street, Qormi whereby they asked the defendant why this Honourable Court should not;

Declare that the right of habitation conferred upon the defendant has today ended and thus the same premises can be sold;

To order the judicial sale of the premises 50, Yan Mark House, Winter Street, Qormi.

To order that the proceeds be divided equally between the parties.

With costs and the defendant is summoned so that a reference to his oath be made.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri l-Ħamis 8 ta' Lulju 2004, il-kawża Ċit. Numru 500/2004 GV, fl-ismijiet Abdilla Catherine vs Abdilla Carmel ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu t-Tnejn 25 ta' Ottubru 2004, Awla 17 fid-9.15 a.m.

B'ordni tal-Qorti l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet sussegwentement differita u issa tinsab differita għas-27 ta' April 2005, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts on Thursday 8th July 2004, the cause Writ of Summons Number 500/2004 GV, in the names Abdilla Catherine vs Abdilla Carmel was set down in the list of causes which are to be held on Monday 25th October 2004 Hall 17 at 9.15 a.m.

By order of the Court the cause above mentioned was subsequently put off and is now put off to the 27th April 2005, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

710

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 351/04 GC, fl-ismijiet Alfred Axisa vs Roger Attard ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Alfred Axisa, ID Nru. 244342(M) ippreżenta Ċitazzjoni, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-17 ta' Mejju 2004, lil Roger Attard, fejn talab il-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u għad-danni kollha li bħala konsegwenza ta' l-istess ġarrab l-attur;

tillikwida d-danni kollha ta' l-attur occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

tikkundannah sabiex iħallas lill-attur dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut minnu in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni u bl-imgħax skond il-liġi, kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Konvenuti: Glorious, Triq il-Lampara,
Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2004, il-kawża Ċit. Numru 351/2004 GC, fl-ismijiet Axisa Alfred vs Attard Roger li kienet Astensjoni mill-Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia minn nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2004, reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għal

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 14th March 2005 in the records of the Writ of Summons Number 351/04GC in the names Alfred Axisa vs Roger Attard ordered the following application for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Alfred Axisa ID No. 244342(M) filed a Writ of Summons, in the First Hall Civil Court, on the 17th May 2004, against Roger Attard, whereby he asked the defendant to state why this Honourable Court should not:

declare him solely responsible for the car accident above referred to and all the damages which the plaintiff suffered as a consequence;

liquidate all the damages of the plaintiff if necessary by the appointment of referees;

condemn him to pay the plaintiff that amount that shall be declared as due by way of damages.

With costs as stated in the writ of summons and with interest according to law, against the defendant who is summoned so that a reference to his oath be made.

Defendants: Glorious, Lampara Street,
Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar.

By a Notice of Hearing of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Superior Courts on Monday 25th October 2004, the cause Writ of Summons number 351/2004 GC, in the names Axisa Alfred vs Attard Roger which was an Abstention by the Hon. Mr Justice Geoffrey Valenzia from Monday 25th October 2004, was set

nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2005, fid-9.00 a.m. quddiem l-Onor. Imħallef Gino Camilleri.

B'ordni tal-Qorti tat-18 ta' Jannar 2005, il-kawża hawn fuq ċitata ġiet differita għan-notifika tal-konvenut għall-21 ta' April 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

down again for hearing to Tuesday, 18th January 2005, at 9.00 a.m., before the Hon. Mr Justice Gino Camilleri.

By order of the Court of the 18th January 2005, the cause above mentioned was put off in order that the defendant be notified to the 21st April 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil and Tribunals

711

AVVIŻ GĦALL-FINI TA' L-ARTIKOLU 416 TAL-KAP. 12 KONKORS TA' KREDITURI TA' VINCENT U RITA KONJUGI ZAMMIT

